

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Assemblea Plenarja) tat-30 ta' April 2019 — Ir-Renju tal-Belġju**

(Opinjoni 1/17) ĠU C 369, 30.10.2017.

((Opinjoni mogħtija skont l-Artikolu 218(11) TFUE — Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprezziv bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (CETA) Riżoluzzjoni tat-Tilwim bejn l-Investitur u l-Istat (ISDS) — Stabbiliment ta' tribunal u ta' tribunal tal-appell — Kompatibbiltà mad-dritt primarju tal-Unjoni — Rekwiżit ta' osservanza tal-awtonomija tas-sistema legali tal-Unjoni — Livell ta' protezzjoni ta' interassi pubbliċi ffissati, konformement mal-kuntest kostituzzjonali tal-Unjoni, mill-istituzzjoni tagħha — Trattament ugħwali bejn l-investituri Kanadiżi u dawk tal-Unjoni — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 20 — Aċċess għall-qrati msemmija u indipendenza tagħhom — Artikolu 47 tal-Karta — Aċċessibbiltà finanzjarja — Impenn li din tiġi żgurata għall-persuni fizżei u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju — Aspetti esterni u interni tar-rekwiżit ta' indipendenza — Ħatra, remunerazzjoni u regoli dwar l-etika tal-membri — Rwl tal-Kumitat Konġunt taċ-CETA — Interpretazzjonijiet vinkolanti taċ-ĊETA ffissati mill-Kumitat))

(2019/C 220/02)

Lingwa tal-proċedura: il-lingwi uffiċċiali kollha

**Talba mressqa minn**

Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: C. Pochet, L. Van den Broeck, M. Jacobs u J.-C. Halleux, aġenti)

**Dispożittiv**

It-Taqsimha F tal-Kapitolu Tmienja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprezziv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016, hija kompatibbli mad-dritt primarju tal-Unjoni Ewropea.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechtshof's-Hertogenbosch — il-Pajjiżi l-Baxxi) — A-Fonds vs Inspecteur van de Belastingdienst**

(Kawża C-598/17) (1)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ghajjnuna eżistenti u ghajjnuna ġdida — Kunċett ta' ghajjnuna ġdida — Rimboris ta' taxxa fuq id-dividendi — Skema estiżha għall-kumpanniji stabbiliti barra mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat — Moviment liberu tal-kapital — Obbligi tal-qrati nazzjonali)

(2019/C 220/03)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof's-Hertogenbosch